SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

3 ta' Diċembru 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 1/2005 — Artikolu 1(5) — Protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport — Trasport ta' klieb mingħajr sid minn Stat Membru għal ieħor li jsir minn assoċjazzjoni għal protezzjoni tal-annimali — Kunċett ta' 'attività ekonomika' — Direttiva 90/425/KEE — Artikolu 12 — Kunċett ta' 'negozjant ta' kummerċ intra-Komunitarju'"

Fil-Kawża C-301/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva Federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' April 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Ġunju 2014, fil-proċedura

Pfotenhilfe-Ungarn e.V.

vs

Ministerium für Energiewende, Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein,

fil-preżenza ta':

Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tat-Tielet Awla, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, J. Malenovský, M. Safjan, A. Prechal (Relatur) u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Ġunju 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Pfotenhilfe-Ungarn e.V., minn K. Leondarakis, Rechtsanwalt,

— għall-Ministerium für Energiewende, Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein, minn W. Ewer, Rechtsanwalt,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Urbani Neri, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Eggers u H. Kranenborg, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU 2005, L 3, p. 1), kif ukoll tal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE, tas-26 ta' Ġunju 1990, dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 10, p. 138), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/60/KEE, tat-30 ta' Ġunju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 177, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 90/425").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Pfotenhilfe-Ungarn e.V. (iktar 'il quddiem "Pfotenhilfe-Ungarn"), assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-annimali, u l-Ministerium für Energiewende, Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein (ministeru tat-tranżizzjoni enerġitika, tal-agrikoltura, tal-ambjent u tal-iżvilupp rurali tal-Land ta' Schleswig Holstein, iktar 'il quddiem il-"ministeru") dwar id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jissuġġetta lil Pfotenhilfe-Ungarn għall-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' reġistrazzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali, wara trasport transkonfinali ta' klieb li din l-assoċjazzjoni twettaq.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 1/2005

3 Il-premessi 2, 12 u 21 tar-Regolament Nru 1/2005 huma fformulati kif ġej:

"(2) Taħt id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport [u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 133) kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003, tal-14 ta' April 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 301, iktar 'il quddiem id-'Direttiva 91/628')], il-Kunsill adotta regoli fil-qasam tat-trasport ta' l-annimali sabiex jelimina barrieri tekniċi għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u sabiex jippermetti lil organizzazzjonijiet tas-suq joperaw b'mod stabbli, filwaqt li jiġi assigurat livell sodisfaċenti ta' protezzjoni għall-annimali konċernati.

[...]

(12) Trasport għal skopijiet kummerċjali m'huwiex limitat għal trasport fejn jivverifika ruħu skambju immedjat ta' flus, merkanzija jew servizzi. Trasport għal skopijiet kummerċjali jinkludi, b'mod partikolari, trasport li jinvolvi direttament jew indirettament jew jimmira lejn gwadann finanzjarju.

[...]

(21) *Equidae* reġistrati, kif definiti fl-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva [tal-Kunsill] 90/426/KEE, [tas-26 ta' Ġunju 1990, dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' equidae (razza taż-żwiemel) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 10, p. 152), kif emendata bid-Direttiva 2004/68/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 120)] jiġu ta' sikwiet trasportati għal għanijiet mhux kummerċjali u dawn it-trasporti għandhom jitwettqu skond l-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament. B' konsiderazzjoni tan-natura ta' dawn il-movimenti, jidher xieraq li jkun hemm deroga minn ċerti disposizzjonijiet fejn Equidae reġistrati jiġu trasportati għal kompetizzjonijiet, tiġrijiet, avvenimenti kulturali jew tgħammir. [...]"

4 L-Artikolu 1(1) u (5) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasport ta' annimali vertebrati ħajjin li jsir ġol-Komunità, inklużi l-ispezzjonijiet speċifiċi li jsiru minn uffiċjali fuq konsenji li jidħlu jew li jħallu t-territorju doganali tal-Komunità.

[...]

5. Dan ir-Regolament [ma għandux] japplika għat-trasport ta' annimali li ma jsirx in konnessjoni ma' attività ekonomika [...]"

5 L-Artikolu 33 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"Id-Direttiva [91/628] [...] [għandha tiġi rrevokata b'effett] minn 5 ta' Jannar 2007. Referenzi għad-Direttiva [revokata] għandhom ikunu kkunsidrati bħala referenzi għal dan ir-Regolament."

Id-Direttiva 90/425

6 It-tieni sal-ħames premessi tad-Direttiva 90/425 huma fformulati kif ġej:

"Billi l-ħidmiet armonjużi ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-annimali u prodotti ta' oriġini ta' l-annimali jimplika t-tneħħija tal-barrieri zootekniċi u veterinarji għall-iżvilupp tal-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali u l-prodotti konċernati; billi, f'dan ir-rigward, il-moviment ħieles ta' l-annimali u l-prodotti agrikoli hu aspett fundamentali għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq u għandha tiffaċilita l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aqwa użu tal-fattturi ta' produzzjoni;

Billi, fil-qasam veterinarju, fruntieri li bħalissa huma użati għat-twettieq ta' iċċekkjar, mmirati biex iħarsu s-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali;

Billi l-mira aħħarija hija biex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet veterinarji jitwettqu fil-post tat-tluq biss, billi l-ksib ta' dan il-għan jimplika l-armonizzazzjoni tal-ħtiġiet bażiċi li għandhom x'jaqsmu mas-salvagwardji tas-saħħa ta' l-annimali;

Billi, bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern, kemm-il darba dan il-għan jintlaħaq, enfasi għandha ssir fuq l-iċċekkjar, li għandu jsir fil-post tat-tluq u fl-organizzazzjoni ta' dawk li ser jittieħdu fil-post tad-destinazzjoni; billi din is-soluzzjoni għandha titlob is-sospensjoni ta' l-iċċekkjar, veterinarju fil-fruntieri interni tal-Komunità u billi, f'dan il-kuntest, hemm raġuni għaż-żamma ta' kull ċertifikat tas-saħħ jew kull dokument ta' identifikazzjoni, kif ipprovdut fir-regoli tal-Komunità;

[...]"

7 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/425 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-iċċekkjar, veterinarju li għandhom isiru fuq annimali ħajjin u prodotti li huma koperti bid-Direttivi elenkati fl-Anness A jew fuq dawk li għalihom saret referenza fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 21 u liema huma maħsuba għall-kummerċ mhumiex, aktar imħarsa, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, fil-fruntieri imma mwettqa b'mod konformi ma' din id-Direttiva.

[...]

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal spezzjonijiet veterinarji fuq movimenti ta' l-annimali domestiċi bejn Stati Membri li jkunu akkompanjati u taħt ir-responsabbiltà ta' persuna naturali, fejn dawn il-movimenti ma jkunux is-soġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali."

8 Skont l-Artikolu 2(3) ta' din id-direttiva:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

3) 'kummerċ' għandu jfisser kummerċ bejn Stati Membri fit-tifsira ta' l-Artikolu 9(2) tat-Trattat [KEE];

[...]"

9 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jassiguraw li kull negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju u/jew prodotti koperti bl-Artikolu 1:

a) huwa meħtieġ, fuq talba ta' l-awtorità kompetenti, jirreġistra minn qabel f'reġistru uffiċjali;

b) iżommu rekord tat-tqassim u, tal-konsenji li għalihom saret referenza fl-Artikolu 5(1)(b)(iii), tad-destinazzjoni sussegwenti ta' l-annimali u l-prodotti.

L-imsemmi rekord għandu jkun ippreservat għal kull perjodu li għandu jkun stabbilit mill-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex hi tista' tkun preżentata lill-awtorità kompetenti fuq talba."

10 L-Anness A tad-Direttiva 90/425 telenka, speċifikament, id-direttivi li jipprevedu kontrolli veterinarji li għandhom isiru fuq annimali ħajjin u li għandhom isiru konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Fost it-testi ċċitati tidher id-Direttiva 91/628.

Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003

11 Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 39, p. 75) tħassar bir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Ġunju 2013, dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi (ĠU L 178, p. 1). Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti marbuta mat-tilwima tal-kawża prinċipali, ir-Regolament Nru 998/2003 huwa applikabbli għalihom. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u r-regoli li japplikaw għall-kontrolli fuq dan il-moviment."

12 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regokament japplika għall-moviment bejn l-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi ta' annimali tal-gost elenkati fl-Anness I."

13 L-Artikolu 3(a) tal-istess regolament jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) 'annimali tal-gost' tfisser l-annimali ta' l-ispeċji elenkati fl-Anness I li jkunu jakkumpanjaw lis-sidien tagħhom jew persuna naturali responsabbli minn dawn l-annimali f'isem is-sid matul il-moviment tagħhom u ma jkunux maħsuba li jinbigħu jew li jiġu ttrasferiti għal għand sid ieħor;

[...]"

14 Fost l-ispeċi ta' annimali msemmija fl-Anness I tar-Regolament Nru 998/2003 jidhru, fil-Parti A, il-klieb.

Id-dritt Ġermaniż

15 L-Artikolu 4 tal-ordinament għall-protezzjoni kontra mard tal-annimali fis-suq intern (Binnenmarkt-Tierseuchenschutzverordnung, iktar 'il quddiem l-"ordinament għall-protezzjoni kontra mard tal-annimali"), intiż sabiex jittrasponi l-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 90/425, huwa redatt kif ġej:

"Kull min jixtieq, bħala attività kummerċjali,

1. iġib jew jimporta annimali jew oġġetti li jinsabu indikati fl-Anness 1, f'livell intra-Komunitarju, jew

2. jittrasporta ungulati domestiċi fl-ambitu ta' trasport intra-Komunitarju jew ta' importazzjoni, huwa marbut li jiddikjara dan mal-awtoritajiet kompetenti qabel ma tinbeda l-attività inkwistjoni. Dan ma japplikax għall-impriżi li jeħtieġu awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15(1) jew (3), jew skont l-Artikolu 14 tal-ordinament għall-protezzjoni kontra mard tal-ħut (Fischseuchen-Verordnung) u għall-impriżi li huma rreġistrati jew awtorizzati fi Stat Membu ieħor għall-finijiet ta' attività fis-sens tal-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw l-impriżi ddikjarati f'reġistru, billi jagħtuhom numru ta' reġistrazzjoni."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 Pfotenhilfe-Ungarn hija assoċjazzjoni rreġistrata u rrikonoxxuta bħala karitatevoli, fis-sens tad-dritt fiskali nazzjonali, li għandha l-għan li tippromwovi l-protezzjoni tal-annimali u kif ukoll tipproteġihom attivament. Hija toffri, fost oħrajn, permezz tal-paġna tal-internet tagħha, l-allokazzjoni ta' klieb mingħajr sid li jkunu, fil-parti l-kbira, inġabru fi ħdan assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-annimali fl-Ungerija. Meta persuna tkun tixtieq tilqa' kelb għandha, Pfotenhilfe-Ungarn tikkonkludi magħha "kuntratt ta' protezzjoni" li permezz tiegħu din il-persuna timpenja ruħha li tirrispetta l-benesseri tal-kelb u li tħallas somma li ġeneralment tilħaq l-ammont ta' EUR 270. Ladarba l-kuntratti jiġu konklużi, il-klieb ikkonċernati jiġu ttrasportati għad-destinazzjoni tagħhom fil-Ġermanja minn membri ta' Pfotenhilfe-Ungarn, fejn jingħataw lill-persuni li jkunu aċċettaw li jilqgħuhom għandhom. Madankollu, ma jsir ebda trasferiment ta' proprjetà tal-klieb għall-benefiċċju ta' dawn il-persuni u fil-każ ta' ksur tal-"kuntratt ta' protezzjoni", Pfotenhilfe-Ungarn tista' teżerċita dritt ta' rtirar. B'dan il-mod, hija allokat iktar minn 2 000 kelb bejn is-snin 2007 u 2012.

17 Fid-29 ta' Diċembru 2009, Pfotenhilfe-Ungarn ħadet ħsieb it-trasport ta' 39 kelb mill-Ungerija għall-Ġermanja. Peress li l-istat ta' saħħa u dak tat-tilqim ta' wieħed mill-klieb ittrasportati ma kinux disponibbli, il-Ministeru ordna, permezz ta' ċirkulari, lill-awtoritajiet veterinarji lokali, sabiex jagħmlu kontroll tal-annimali kollha li jagħmlu parti minn dan it-trasport.

18 F'dan ir-rigward, il-Ministeru qies li Pfotenhilfe-Ungarn ma setgħetx tinvoka l-kundizzjonijiet ta' saħħa applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi, previsti mir-Regolament Nru 998/2003, peress li t-trasport u l-allokazzjoni tal-annimali li hija torganizza jaqgħu taħt il-klassifikazzjoni ta' attività ekonomika. Konsegwentement, huma d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2005 li għandhom jiġu applikati, b'mod li Pfotenhilfe-Ungarn hija marbuta li tosserva l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' reġistrazzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali, u partikolarment mill-Artikolu 4 tal-ordinament għall-protezzjoni kontra mard tal-annimali.

19 L-azzjoni ta' Pfotenhilfe-Ungarn kontra din id-deċiżjoni tal-Ministeru ġiet miċħuda mill-Verwaltungsgericht (qorti amministrattiva). L-Oberverwaltungsgericht (qorti amministrattiva reġjonali superjuri) ċaħdet, min-naħa tagħha, l-appell ta' Pfotenhilfe-Ungarn minn din is-sentenza. Din tal-aħħar, għalhekk, ippreżentat azzjoni ta' "Reviżjoni" ta' din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali).

20 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar jekk l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1/2005 għall-kawża adita biha hijiex eskluża, peress li fi kliem l-Artikolu 1(5) ta' dan ir-regolament, dan ma għandux "japplika għat-trasport ta' annimali li ma jsirx in konnessjoni ma' attività ekonomika". B'mod iktar partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata li hija għandha tagħti lill-kunċett ta' "attività ekonomika" li tidher f'din id-dispożizzjoni, u dwar ir-rilevanza tal-eżistenza ta' profitt jew ta' skop ta' lukru f'dan ir-rigward, fid-dawl partikolarment tal-premessi 12 u 21 ta' dan ir-regolament.

21 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf il-kundizzjonijiet li skonthom persuna tista' tiġi kklassifikata bħala "negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425 ("Unternehmer" fil-verżjoni Ġermaniża ta' din id-direttiva). Skont din il-qorti, ma hemmx dubju li Pfotenhilfe-Ungarn twettaq kummerċ intra-Komunitarju, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Min-naħa l-oħra, ma huwiex żgur li din l-assoċjazzjoni tista' tiġi kklassifikata bħala "impriża" (bil-Ġermaniż, "Unternehmen"), billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi, f'dan ir-rigward, l-eżerċizzju ta' attività ekonomika.

22 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Huwa każ ta' trasport ta' annimali li ma jseħħx fil-kuntest ta' attività ekonomika, fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, it-trasport li jsir minn assoċjazzjoni tal-protezzjoni tal-annimali rikonoxxuta bħala karitatevoli u li jservi sabiex klieb mingħajr sid jiġu allokati lil terzi bi ħlas ta' remunerazzjoni (ħlas nominali – 'Schutzgebühr') li

(a) ma tkoprix, jew bilkemm tkopri l-ispejjeż sostnuti mill-assoċjazzjoni għall-annimali, għat-trasport u għall-allokazzjoni tal-annimali,

(b) teċċedi dawn l-ispejjeż, iżda l-profitt iservi sabiex ikopri l-ispejjeż tal-allokazzjoni ta' annimali oħra mingħajr sid, l-ispejjeż marbuta mal-annimali mingħajr sid u l-ispejjeż marbuta ma' proġetti oħra ta' protezzjoni tal-annimali?

2) Huwa każ ta' negozjant ta' kummerċ intra-Kommunitarju, fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425/KEE, meta assoċjazzjoni tal-protezzjoni tal-annimali rikonoxxuta bħala karitatevoli tittrasporta klieb mingħajr sid lejn il-Ġermanja u tallokahom lil terzi bi ħlas ta' remunerazzjoni (ħlas nominali – 'Schutzgebühr') li

(a) ma tkoprix, jew bilkemm tkopri l-ispejjeż sostnuti mill-assoċjazzjoni għall-annimali, għat-trasport u għall-allokazzjoni tal-annimali,

(b) teċċedi dawn l-ispejjeż, iżda l-profitt iservi sabiex ikopri l-ispejjeż tal-allokazzjoni ta' annimali oħra mingħajr sid, l-ispejjeż marbuta mal-annimali mingħajr sid u l-ispejjeż marbuta ma' proġetti oħra ta' protezzjoni tal-annimali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

23 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament Nru 1/2005 għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri attività, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dwar it-trasport ta' klieb mingħajr sid, minn Stat Membru għal ieħor, li jsir minn assoċjazzjoni karitatevoli, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lil persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.

24 F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li r-Regolament Nru 1/2005 ma jispeċifikax il-portata tal-kunċett ta' "attività ekonomika". Issa, fl-assenza ta' definizzjoni ta' tali kunċett fid-dritt tal-Unjoni, dan għandu jiġi interpretat fid-dawl partikolarment tal-kuntest tiegħu u tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Szatmári Malom, C-135/13, EU:C:2014:327, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kuntest li fih dan il-kunċett jaqa', għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament Nru 1/2005, dan tal-aħħar ma għandux "japplika għat-trasport ta' annimali li ma jsirx in konnessjoni ma' attività ekonomika". Din id-dispożizzjoni ma tiddistingwix l-attivitajiet ekonomiċi intiżi sabiex jagħmlu qligħ finanzjarju minn dawk li ma għandhomx skop ta' lukru.

26 Madankollu, il-premessa 12 tar-Regolament Nru 1/2005 tipprovdi li t-trasport għal finijiet kummerċjali ma huwiex limitat għat-trasporti li jimplikaw skambju immedjat ta' flus, ta' oġġetti jew ta' servizzi u li dan jinkludi partikolarment it-trasporti li jwasslu jew huma intiżi sabiex jipproduċu direttament jew indirettament profitt. Madankollu, b'mod kuntrarju għal dak li Pfotenhilfe-Ungarn issostni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, minn din il-premessa ma jistax jiġi dedott li attività ekonomika teħtieġ l-eżistenza jew l-intenzjoni li jsir profitt.

27 Fil-fatt, mill-premessa 21 ta' dan ir-regolament jirriżulta li ma huwiex eskluż li anki trasporti operati għal finijiet mhux kummerċjali jistgħu, f'xi każijiet, jitqiesu li jagħmlu parti minn attività ekonomika, fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament Nru 1/2005. Kif din il-premessa tipprovdi, l-*equidae* rreġistrati huma fil-fatt spiss ittrasportati għal finijiet mhux kummerċjali, partikolarment sabiex jipparteċipaw fi tlielaq jew avvenimenti kulturali. Dawn it-trasporti, għalkemm ma humiex ta' natura kummerċjali, għandhom, bħala prinċipju, jitwettqu fl-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

28 Għandu jitqies ukoll il-kuntest iktar wiesa' li fih l-Artikolu 1(5) tar-Regolament Nru 1/2005 jaqa'.

29 Dan ir-regolament għandu l-Artikolu 37 KE (li sar l-Artikolu 43 TFUE) bħala l-bażi legali tiegħu u jaqa' għalhekk taħt il-politika tas-suq intern. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, importazzjonijiet ta' merkanzija jew provvisti ta' servizzi rremunerati għandhom jitqiesu attivitajiet ekonomiċi fis-sens tat-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Schindler, C-275/92, EU:C:1994:119, punt 19; Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni, C-519/04 P, EU:C:2006:492, punti 22 u 23, kif ukoll Olympique Lyonnais, C-325/08, EU:C:2010:143, punti 27 u 28). Il-fattur determinanti li jippermetti li attività titqies li hija ta' natura ekonomika jinsab fil-fatt li din ma għandhiex tiġi eżerċitata mingħajr korrispettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Jundt, C-281/06, EU:C:2007:816, punt 32).

30 Min-naħa l-oħra, sabiex attività tkun tista' tiġi kklassifikata li hija "ekonomika", ma huwiex meħtieġ li din tiġi eżerċitata bi skop ta' lukru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Smits u Peerbooms, C-157/99, EU:C:2001:404, punti 50 u 52 u Jundt, C-281/06, EU:C:2007:816, punt 33).

31 Minn dan jirriżulta li attività, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' trasport regolari ta' numru sostanzjali ta' klieb, eżerċitata minn assoċjazzjoni karitatevoli, sabiex dawn l-annimali jitwasslu għand individwi li jingħataw dawn l-annimali fuq il-bażi ta' kuntratt li jipprevedi senjatament il-ħlas ta' somma flus lil din l-assoċjazzjoni, issir fil-kuntest ta' attività ekonomika, fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament Nru 1/2005, anki jekk ma jsir jew ma jkun previst ebda profitt minn din l-assoċjazzjoni.

32 Din il-konklużjoni ma hijiex kkonfutata mill-fatt li l-proprjetà sħiħa tal-klieb ma hijiex ttrasferita lill-persuni li jingħataw dawn il-klieb. Fi kwalunkwe każ, attivitajiet bħal dawk ta' Pfotenhilfe-Ungarn jistgħu jitqiesu prestazzjoni ta' servizzi lil dawn il-persuni u, għalhekk, "attivitajiet ekonomiċi", fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament Nru 1/2005.

33 Fit-tieni lok, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 1/2005, jiġifieri l-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, li hija l-għan ewlieni ta' dan ir-regolament, kif ukoll it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-annimali ħajjin u l-operat tajjeb tal-organizzazzjonijiet tas-suq, invokati fit-tieni premessa tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Danske Svineproducenter, C-316/10, EU:C:2011:863, punt 44).

34 Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, il-kunċett ta' "attività ekonomika" ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv. Il-limitazzjoni tal-portata tar-Regolament Nru 1/2005 għal attivitajiet ekonomiċi eżerċitati bi skop ta' lukru toħloq *inter alia* riskju, kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tagħha, li jiġi kompromess l-għan ewlieni ta' dan ir-regolament, kif imfakkar fil-punt preċedenti tas-sentenza.

35 Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri attività bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tirrigwarda t-trasport ta' klieb mingħajr sid, minn Stat Membru għal ieħor, li jsir minn assoċjazzjoni karitatevoli, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lil persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.

Fuq it-tieni domanda

36 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf jekk il-kunċett ta' "negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi senjatament assoċjazzjoni karitatevoli li tittrasporta klieb mingħajr sid minn Stat Membru għal ieħor, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lill-persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom, bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.

37 Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk id-Direttiva 90/425 tapplikax għal każ bħalma huwa dak tal-kawża prinċipali.

38 Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tagħha, din id-direttiva ma tapplikax għall-kontrolli veterinarji marbuta mal-movimenti bejn Stati Membri ta' annimali domestiċi, li ma jkunux is-suġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali u li jkunu akkompanjati minn persuna fiżika li jkollha r-responsabbiltà ta' dawn l-annimali matul il-moviment. Dawn il-movimenti huma rregolati mir-Regolament Nru 998/2003, sakemm l-annimali jakkompanjaw is-sid tagħhom jew persuna fiżika li tassumi r-responsabbiltà tagħhom għan-nom tas-sid matul il-moviment tagħhom u ma jkunux intiżi li jiġu mibjugħa jew li jkunu suġġetta għal trasferiment ta' proprjetà.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-deroga prevista mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/425 tispeċifika li l-annimal domestiku għandu jkun akkompanjat minn persuna fiżika li jkollha r-responsabbiltà tiegħu matul il-moviment. It-trasport li jsir taħt ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika ma huwiex għalhekk meqjus għall-finijiet ta' din id-deroga. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħmel il-verifiki neċessarji f'dan ir-rigward.

40 Fi kwalunkwe każ, din id-deroga tikkonċerna biss il-movimenti bejn Stati Membri ta' annimali domestiċi, li ma jkunux is-suġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali. Minkejja li assoċjazzjoni rrikonoxxuta bħala karitatevoli, bħal Pfotenhilfe-Ungarn, ma jkollhiex skop ta' lukru jew kummerċjali, hemm xorta waħda, kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tagħha, ċertu grad ta' xebh bejn l-attività ta' allokazzjoni ta' klieb lil persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' ċertu ammont, u l-attività ta' bejgħ ta' klieb minn ħanut tal-annimali. L-ewwel tip ta' attività ma tistax, għalhekk, titqies li ma hijiex is-suġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/425.

41 Konsegwentement, it-tilwima fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/425.

42 B'hekk, u fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk assoċjazzjoni rrikonoxxuta bħala karitatevoli, bħal Pfotenhilfe-Ungarn, tistax titqies "negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425.

43 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qorti tar-rinviju, billi tirreferi għall-verżjoni Ġermaniża tal-kunċett ta' "negozjant" ("Unternehmer"), tistaqsi jekk dan il-kunċett jikkoinċidix ma' dak ta' "impriża" ("Unternehmen"), b'mod li, skont din il-qorti, huma biss il-persuni li jeżerċitaw attività ekonomika li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "negozjanti".

44 Huwa veru li ċerti verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva 90/425 jużaw terminu li jissuġġerixxi l-eżerċizzju ta' attività ekonomika jew, kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tagħha, it-tfittxija ta' skop ta' lukru, partikolarment il-verżjoni Ġermaniża, Ingliża, Żvediża u Olandiża, li jużaw rispettivament il-kliem "Unternehmer", "dealers", "handlare" u "handelaars". Madankollu, verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' din id-direttiva, bħal, partikolarment, dik Spanjola ("agentes"), Franċiża ("opérateurs"), Taljana ("operatori"), Portugiża ("operadores"), Rumena ("operatorii") u Daniża ("erhvervsdrivende") jużaw terminu li l-portata tiegħu hija iktar newtrali u ġenerali.

45 Madankollu, il-kunċett ta' "negozjant" ma jikkostitwixxix kundizzjoni distinta, billi l-kriterju rilevanti għall-applikabbiltà tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425 huwa marbut mal-attivitajiet li n-negozjant iwettaq, jiġfieri l-"kummerċ intra-Kommunitarju".

46 Fir-rigward ta' dan il-kunċett tal-aħħar, mill-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 90/425 jirriżulta li dan jirrigwarda l-kummerċ bejn l-Istati Membri, fis-sens tal-Artikolu 28(1) TFUE. Skont din id-dispożizzjoni, li tidher taħt it-Titolu II dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, l-unjoni doganali tinkludi l-kummerċ kollu tal-merkanzija.

47 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "merkanzija" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tfisser il-prodotti valutabbli fi flus li jistgħu, bħala tali, ikunu s-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, 7/68, EU:C:1968:51, p. 626). Din id-definizzjoni tinkludi l-annimali (ara, f'dan is-sens, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-100/08, EU:C:2009:537, punt 83). Kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tagħha, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija għandhom japplikaw, bħala prinċipju, indipendentement minn jekk il-merkanzija taqbiżx il-fruntieri nazzjonali jew le għall-bejgħ tagħhom jew għall-bejgħ mill-ġdid tagħhom jew għal finijiet ta' użu jew ta' konsum personali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Schumacher, 215/87, EU:C:1989:111, punt 22).

48 Konsegwentement, in-natura lukrattiva tal-attività mwettqa mill-operatur ma hijiex determinanti sabiex din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425.

49 Finalment, skont il-premessi 2 sa 4 tagħha, din id-direttiva għandha l-għan, fil-kuntest tat-twettiq tas-suq intern, li tneħħi l-ostakoli għall-iżvilupp tal-kummerċ intra-Komunitarju tal-annimali billi tillimita partikolarment il-kontrolli veterinarji għall-post tat-tluq tagħhom, li jimplika armonizzazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali.

50 Għalhekk, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425, li jipprovdi li n-negozjanti kollha li jwettqu kummerċ intra-Komunitarju tal-annimali previsti minnha huma marbuta, fuq talba tal-awtorità kompetenti, li jirreġistraw minn qabel f'reġistru uffiċjali li fih huma indikati l-kunsinni, għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dan l-għan. Ir-reġistru uffiċjali tan-negozjanti u r-reġistru tal-kunsinni jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti, kemm tal-Istat Membru ta' oriġini kif ukoll tal-Istat Membru ta' destinazzjoni, iwettqu kontrolli veterinarji regolari u kontrolli veterinarji każwali meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva.

51 F'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn numru sostanzjali ta' klieb mingħajr sid, li, kif Pfotenhilfe-Ungarn u l-Kummissjoni Ewropea rrilevaw fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ikollhom ġeneralment kundizzjoni ta' saħħa inqas tajba mill-klieb l-oħra, ikunu ġew suġġetti għal trasport fi grupp minn Stat Membru għal ieħor, l-għan, imfittex mid-Direttiva 90/425, ta' tneħħija tal-ostakoli għall-iżvilupp tal-kummerċ intra-Komunitarju tal-annimali u ta' armonizzazzjoni tar-regoli marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali ma jkunx jista' jintlaħaq jekk l-Artikolu 12 ta' din id-direttiva ma jiġix applikat għal tali sitwazzjoni.

52 Konsegwentement, għat-tieni domanda li saret għandha tingħata r-risposta li l-kunċett ta' "negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi partikolarment assoċjazzjoni karitatevoli li tittrasporta klieb mingħajr sid minn Stat Membru għal ieħor, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lill-persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-kunċett ta' "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri attività bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tirrigwarda t-trasport ta' klieb mingħajr sid, minn Stat Membru għal ieħor, li jsir minn assoċjazzjoni karitatevoli, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lil persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.**

2) **Il-kunċett ta' "negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/425 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi partikolarment assoċjazzjoni karitatevoli li tittrasporta klieb mingħajr sid minn Stat Membru għal ieħor, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lill-persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.**

Firem